MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 677/2001/1

**Paul Vella.**

**-vs-**

**Grace Evarist, Jimmy Agius, Angelo Agius, u Grace Evarist li b'digriet tal-24 ta' Mejju, 2001 giet nominata kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti Joseph Agius bhala eredi tal-mejta Maria Agius, u Victoria Vella, xebba.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fl-20 ta' April, 2001 li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi l-attur huwa iben Gio Maria u Anna konjugi Vella li llum huma mejtin;

Illi permezz ta' testment (Dok. A) li sar fil-hdax (11) ta' Frar tas-sena elf disa' mija u erba' u hamsin (1954) fl-atti tan-nutar Dr. Antoine Galea, it-testaturi hallew bi prlegat lil uliedhom Maria mart Paolo Agius (illum mejta) u Victoria Vella, xebba, il-fondi numri tmintax (18), dsatax (19), u wiehed u ghoxrin (21) Triq il-Wied, Mellieha u garaxx fl-istess triq minghajr numru;

Illi in forza ta' l-istess testment it-testaturi ordnaw illi "l-istess fondi jigu stmati minn perit u l-istess Maria Agius u Vittoria Vella ikunu obbligati ihallsu lil imsemmi huhom Paolo Vella, tifel tat-testaturi, it-terz tal-valur li jigi ffissat mill-istess perit ghall-istess fondi" (Artikolu Erbgha tat-Testment);

Illi ghalkemm il-konvenuti gew debitament interpellati sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas ta' l-ammont dovut lill-attur skond dak li ordnaw it-testaturi, huma baqghu inadempjenti;

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex;

1. tinnomina perit sabiex jaghmel stima tal-fondi li jgibu n-numri tmintax (18), dsatax (19), wiehed u ghoxrin (21), Triq il-Wied, Mellieha u l-garaxx li jinsab fl-istess triq.

2. tikkundanna lill-konvenuti sabiex skond l-Artikolu Erbgha (4) tat-testment li ghamlu Gio Maria u Anna konjugi Vella, ihallsu lill-attur terz minn dik is-somma li tigi hekk likwidata mill-perit.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti pprezentata fil-11 ta' Lulju, 2001 li permezz taghha ecepew;

1. Illi qabel xejn ghal kull buon fini qed jigi dikjarat illi in forza ta' l-Artikolu 4 tat-testment imsemmi fil-premessi tac-Citazzjoni odjerna, il-prelegat jinkludi wkoll mezzanin fl-istess triq liema mezzanin illum igib in-numru 20, u ghaldaqstant dan il-mezzanin huwa proprjeta' tal-konvenuti.

2. Illi t-talbiet attrici huma preskritti ai termini ta' l-Artikolu 845 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta).

3. Illi minghajr pregudizju ghall-premess, il-konvenuti ghamlu diversi offerti minghajr pregudizzju anke a bazi ta' stima ta' periti, liema offerti baqghu qatt ma ntlaqghu mill-atturi.

4. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat id-digriet tal-24 ta' Mejju, 2001 li permezz tieghu gew nominati l-kuraturi deputati biex jirrapresentaw lill-konvenuti assenti.

Rat id-digriet li permezz tieghu l-partijiet qablu li l-atti tal-kawza fl-ismijiet John Mary Agius et vs Paul Vella (Cit. No. 47/02) ikunu jikkostitwixxu prova f'din il-kawza;

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Novembru, 2005 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat;

Illi kif gie sottomess mill-atturi fin-nota taghhom, il-konvenuti f'din il-kawza qed jeccepixxu l-preskrizzjoni decennali u cioe' dik kontemplata fl-Artikolu 845 tal-Kapitolu 12. Dan l-artikolu jaghti zmien ghaxar snin lil min irid iressaq azzjoni biex jintalab wirt, legat jew legittima.

Iz-zmien kontemplat fl-Artikolu 845 huwa wiehed preskrittiv u mhux ta' dekadenza (ara s-sentenzi fl-ismijiet Degabriele v Attard (Prim'Awla 20 ta' Gunju, 2005) u Borg vs Zammit (Vol XXXIX-i.139). L-ewwel sentenza msemmija tghid illi;

" *Il-principju li fuqu huwa mibni l-imsemmi artikolu huwa dak li jwaqqaf kawzi ta' wirt jew sehem minn wirt kontra min ghal zmien ghaxar snin ikun zamm f'idejh bhala sid il-gid tal-wirt jew ta' dik il-parti li dwarha titmexxa kontrih l-azzjoni ereditarja.*"

*Illi madankollu u b'effett dirett tan-natura essenzjali tal-preskrizzjoni mahsuba f'dak l-artikolu, inghad li persuna li ma zzommx ghandha hwejjeg jew assi minn wirt bhala taghha ma tistax tressaq favuriha l-preskrizzjoni tal-ghaxar snin tal-petitio hereditatis li dwarha jitkellem l-artikolu taht ezami.*"

Allura ladarba dan l-artikolu huwa wiehed li jippreskrivi terminu preskrittiv, japplikaw ir-regoli kollha dwar il-preskrizzjoni.

Ma hemmx kontestazzjoni illi l-perjodu preskrittiv beda jghaddi f'dan il-kaz mall-mewt ta' Gio Maria Vella cioe fis-6 ta' Mejju, 1970 billi sa dakinhar huwa kien ghadu jipposjedi l-uzufrutt ta' martu Anna li mietet fl-1960. Gie stabbilit li meta l-oggett ereditarju ikun soggett ghall-uzufrutt il-perjodu preskrittiv ma jkunx beda ghaddej u jibda biss meta jmut l-usufrittwarju (jew jintemm l-usufrutt ghal xi raguni ohra (Ara s-sentenza D'Amico vs D'Amico moghtija minn din il-Qorti fl-10 ta' Dicembru, 2003).

Meta wiehed jesamina l-provi pero jidher lampanti l-fatt li l-konvenuti qatt ma ppruvaw jipprevalixxu ruhhom minn xi terminu ghaddej favur taghhom u anke l-eccezzjoni li tigi wara dik il-kwistjoni tindika li huma ghamlu diversi offerti lill-attur. L-istess konvenuta Grace Evarist meta xehdet fis-seduta tas-26 ta' Marzu, 2002 qalet; "*Qed nigi mistoqsija .. jekk jien sal-lum ghadnix disposta li ghal dak li ghandu x'jaqsam mas-sehem tieghi jien nghaddi liz-ziju Paul dak li huwa ekwivalenti ghas-sehem tieghu ta' terz tal-valur jew siwi tat-tlett postijiet u nwiegeb li … jien ghadni disposta f'dan is-sens.*"

L-istess il-konvenuta Victoria Vella fis-seduta quddiem l-Imhallef supplenti qalet l-istess haga. Naturalment dak li qalu Victoria Vella u Grace Evarist japplikaw biss ghalihom pero' dan it-tip ta' hsieb jidher car fil-konvenuti kollha u l-Qorti thoss li l-konvenuti ma jistghux jeccepixxu l-preskrizzjoni u fl-istess hin jeccepixxu (b'riferenza probabilment ghall-kap tal-ispejjes) illi huma dejjem kienu disposti jaghtu lill-attur dak li ghandu jiehu skond l-Artikolu 4 tat-testment in kwistjoni. Dan hu l-istess bhal meta wiehed jeccepixxi il-preskrizzjoni u fl-istess waqt jeccepixxi l-hlas f'kawza ta' debitu.

Wiehed ukoll ghandu jghid wahda mill-principji li fuqhom inbena l-istitut tal-preskrizzjoni hija l-presunjoni li jekk il-kreditur dam ma agixxa, il-hlas ikun sar. *La prescrizione, si dice, e' fondata sulla mozione del creditore o del propietario; dunque essa deve essere ottenuta solo perche' essi non agiscono.. si presume che il debito sia stato pagato quando il creditore rimane .. nell' inazione.. non si puo presumere che il debito sia estinto quando il debitore ne riconosece l'esistenza* (Laurent, Della Prescrizione paragrafu 120).

Fl-istess waqt il-Qorti thossha ukoll ftit perpkessa kif il-konvenuti f'kawza ohra qed jitolbu l-immissjoni fil-pussess skond l-istess artikolu u f'din il-kawza qed jeccepixxu l-preskrizzjoni meta l-kawza qed issir ukoll a bazi tal-istess

artiklu. Fil-fehma tal-Qorti jekk il-konvenuti ghadhom iridu jipprevalixu ruhhom minn dak l-artikolu, qeghdin fl-istess waqt jissottomettu ruhhom ghal dak li jghid l-istess artikolu u ma jistghux jispettezzawh biex igawdu minghajr ma jhallsu d-decmi. Infatti l-artikolu jghid;

"*It-testaturi jhallu bi pre legat u in piena proprjeta' liz-zewg uliedhom Maria mart Paolo Agius u Vittoria xebba, ahwa Vella, l-imsemmijin fondi …; bil-patt li l-istess fondi jigu stmati minn perit u l-istess Maria Agius u Vittoria Vella ikunu obligati jhallsu lill-isemmi huhom Paolo Vella, hu t-testaturi it-terz tal-valur li jigi iffissat mill-istess perit ghall-istess fondi.*"

Dan allura ifisser li l-konvenuti fil-kawza l-ohra qed jitolbu l-immissjoni fil-pussess meta f'din il-kawza qed jeccepixxu illi ghadda z-zmien biex Paolo Vella (issa uliedu) jitlob il-valur tal-oggett – ifisser ukoll li ladarba qed jitolbu l-immissjoni fil-pussess tal-oggett dan ghadu teknikament fil-pussess tal-eredi kollha – u Paolo Vella skond l-artikolu sussegwenti huwa wiehed minnhom. Ladarba allura huwa (issa uliedu) ghadhom igawdu l-ko-pussess ma jistax jiddekorri ebda perjodu preskrittiv.

Dan kollu qed jinghad biex il-Qorti turi li hemm iktar minn argument wiehed biex tasal ghall-konkuzjoni li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 845 ma ghandhiex tintlaqa'.

**Ghaldaqstant il-Qorti tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti. L-ispejjes ta' din l-istanza riservati ghall gudizzju finali.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------